MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 364/2012

**Monica Vella**
(ID 585358M)

**vs**

**Anthony u Licia konjugi Baldacchino**
(ID 901851M u ID 316956M)

Il-Qorti

Rat l-avviz ippresentat fit-30 ta’ Ottubru 2012 mil-attrici fejn hija talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsuha is-somma ta’ tmien elef, disgha mija u sitta u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,976.23), liema somma hija bilanc ta’ somma akbar rizultanti minn skrittura provata iffirmata mill-partijiet quddiem in-Nutar Jonathan Zammit fid-19 ta’ April 2008, flimkien ma’ l-imghax ta’ sebgha fil-mija minn Settembru

2011 u bl-ispejjez, inkluz dik tal-Ittra Ufficjali minnhom ippresentata.

Rat l-eccezzjonijiet ippresentati mill-intimati fl-1 ta’ Marzu 2013 fejn eccepew, preliminarjament, illi l-kawza kellha tigi mressqa mhux mir-rikorrenti biss izda wkoll mir-rage taghha filwaqt illi, fil-meritu, ir-rikorrenti kellhom iggib prova illi l-ammont bilancjali verament kien dovut.

Rat l-affidavit ta’ **Monica Vella** ippresentat fit 3 ta’ Mejju 2013 flimkien ma’ dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**PL Quentin Tanti**, rappresentant tal-MFSA, moghtija fis 27 ta’ Mejju 2013 u dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda ta’ **Audrey Ghigo**, rappresentanta tal-bank HSBC, moghtija fis 27 ta’ Mejju 2013, u dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda ta’ **Romwald Attard**, rappresentant tal-bank BOV, moghtija fis-27 ta’ Mejju 2013, u dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat id-dokumenti ippresentanti mir-rikorrenti fis-27 ta’ Mejju 2013.

Rat illi fil 5 ta’ Lulju 2013 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2013, l-intimati iddikjaraw illi ma kellhom ebda provi x’jippresentaw u gahlhekk il-Qorti iddifferit il-kawza ghall-presentata tan-noti ta’ sottomissjonjiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi r-rikorrenti tigi oht l-intimat Anthony Baldacchino, liema anthony Baldacchino,

flimkien ma' martu, Licia Baldacchino, kienu ikkostitwew ruhhom debituri tal-genituri ta' l-ahwa Baldacchino, Francis u Calcedonia Baldacchino fl-ammont ta' mija u hamsin elf Liri Maltin (Lm150,000) permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Settembru 1997.

Jirrizulta illi, meta il-genituri ta' l-ahwa Baldacchino mietu, dana il-dejn ghadda lilhom flimkien ma' huthom 'l ohra, u dana inqasam fi tmien porzjonijiet, porzjoni ghal kull wild ta' Francis u Calcedonia Baldacchino, inkluz iz-zewgt partijiet fil-kawza.

Jirrizulta illi, permezz ta' skrittura privata maghmulha quddiem in-Nutar Jonathan Zammit fid 19 ta' April 2008, l-intimati kienu kkostitwew ruhhom bhala debituri flimkien u in solidum versu ir-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elef, mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85), minn liema ammont is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) thallset minnufih filwaqt illi l-bilanc ta' tmintax-il elf, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u disghin centezmu (€18,634.98) kellu jithallas permezz ta' pagament rateali ta' erbgha mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) fix-xahar. F'kaz illi l-intimati ikunu inadempjenti f'xi pagament u ir-rikorrenti tinterpellahom biex ihallsu permezz ta' Ittra Ufficjali, jibda jiddekorri imghax ta' sebgha fil-mija fuq il-bilanc dovut.

Jirrizulta illi l-intimati bdew jaghmlu il-pagamenti li kellhom jaghmlu, ghalkemm mhux regolarment, izda, wara l-ahhar pagament tas-6 ta' Ottubru 2010, huma waqqfu illi jhallsuha aktar pagamenti, nonostante illi hija interpellathom, permezz ta' Ittra Ufficjli tad 29 ta' Awisu 2012, sabiex ihallsu.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti tirrileva illi l-intimati ma ressqu ebda prova la biex jikkontestaw il-fatti kif esposti mir-rikorrenti u wisq anqas biex jaghtu l-verzjoni taghhom tal-fatti, u dana minkejja illi

kellhom iil-hin illi jaghmlu dan izda ma ghamluhx. Ghalhekk il-Qorti ser tistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti.

Jirrizulta mill-assjem tac-cekkijiet kollha esebiti mir-rikorrenti, illi l-intimati hallsu is-somma ta’ disat elef, tlett mija u tmintax-il Euro u sittin centezmu (€9,318.60 mit-total minnhom dovut ta’ tmintax-il elf, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u disghin centezmu (€18,634.98), li allura ihalli bilanc favur ir-rikorrenti ta’ disat elef, tlett mija u sittax-il Euro u tmienja u tletin Euro (€9,318.38).

Jirrizulta illi, ghal ragunjiet illi taf biss ir-rikorrenti, hija qieghda titlob biss minghand l-intimati is-somma ta’ tmien elef, disgha mija u sitta u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,976.23) li jinkludi is-somma ta’ tmient elef, tlett mija u disgha u tmenin Euro (€8,389) bhala kapital u il-bilanc imghax bis-sebgha fil-mija minn Settembru 2011 u ghalhekk il-Qorti ser tiehu tali somma biss in konsiderazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-intimati laqghu ghat-talba maghmulha kontrihom billi ressqu zewgt eccezzjonjieit, wahda ta’ natura preliminari, u wahda fil-meritu.

Fuq bazi preliminari, l-intimati eccepew illi l-atti kienu nulli ghax ir-ragel tar-rikorrenti kellu jkun parti fil-kawza ukoll. Il-Qorti tinnota illi dana id-dejn huwa wiehed parafernali li jmiss lir-rikorrenti personalment, tant hu hekk illi il-ftehim privat illi sar ghal hlas tas-sehem tar-rikorrent fid 19 ta’ April 2008, sar unikament minnha, ghal liema ftehim huma ghamlu diversi pagamenti minghajr ma qajjmu ebda eccezzjoni. Huwa ghalhekk inverosimili illi issa l-intimati jippruvaw iwaqqfu il-proceduri odjerni ghal gbir tas-sehem dovut minnha billi jqajjmu eccezzjoni illi, del resto, ma ghandhix bazi legali, peress illi ir-rikorrenti ghandha kull dritt illi tfittex hija personalment ghal tali flejjes, peress illi huma taghha personalment, ossija parafernali, u mhux tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Fuq il-meritu, l-intimati sahqu illi r-rikorrenti kellha tipprova kemm attwalment kien thallas u kemm kien ghadu dovut. Mill-provi prodotti, jirrizulta car kemm thallas u kemm kien fadal dovut u,jigi rilevat, illi jidher li r-rikorrenti qieghda sahansitra titlob anqas minn dak li jidher illi huwa dovut. Ghalhekk tali difiza ma ssib ebda riskontru fil-fatti mressqa quddiem il-Qorti.

Finalment, jirrizulta mill-provi illi fit 12 ta' Ottubru 2009 l-intimati gew interpellati mir-rikorrenti sabiex ihallsu il-bilanc dovut lilhom u, ghalhekk, a tenur tal-ftehim maghmul bejn il-partijiet fit 19 ta' April 2008, l-imghax ta' sebgha fil mija fuq il-bilanc huwa dekoribbli minn tmient ijiem wara, ossija mil 20 ta' Ottubru 2009.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u rat id-dokumentazzjoni kollha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati u

**Tilqa** it-talbiet kollha attrici u

**Tikkundanna** lill-intimati, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tmien elef, disgha mija u sitta u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€8,976.23)

Bl-imghax bis-sebgha fil-mija (7%) fuq is-somma ta' tmient elef, tlett mija u disgha u tmenin Euro (€8,389) mid-data tal-ppresentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni u tal-Ittra Ufficjali u Mandat Kawtelatorju kif mitluba mir-rikorrenti lkoll a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------